# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Dillon Leonelli**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Dillon Leonelli li ghandu n-numru tal-karta tal-Identita` bin-numri 308392M li permezz taghha gie akkuzat li:

1. Nhar is-16 ta` Settembru, 2017, ghal habta ta` bejn id-disgha u ghoxrin u l-ghaxra nieqes ghoxrin ta` filghaxija (21:30hrs -21:40hrs), gewwa Misrah l-Erbgha ta` Settembru, Isla:
    a) Ikkommetta serq ta` basket li kien fih diversi oggetti ghad-detriment ta` Kayla Borg, liema serq hu aggravat bil-hin u bil-valur.

Rat id-dokumenti ezibiti;

Semghet il-provi prodotti;

Rat li matul is-seduta tal-25 ta` Ottubru, 2017 l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament u matul il-kors tal-ezami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370 (4) tal-Kodici Kriminali l-istess imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 5 li permezz tieghu iddikjara li kien qieghed jaghti l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat li l-hati ddikjara li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissioni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontestati lilu, inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista' tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti, wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registrata minnu, semgha lill-imputat ittenni li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Il-Qorti wara li rat l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat kif ukoll li hu recidiv pero mhux taht l-Artikolu 50, ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr hlief li ssibu hati.

Wara li rat il-Fedina Penali tal-imputat qiset ukoll li din ghalkemm mhix wahda netta pero tippermetti lill-Qorti tasal ghad-decizjoni li hadet bil-mod li gej. In oltre qiset l-ammissjoni bikrija nonche l-*mobile phone* mitluf flimkien ma` diversi oggetti fil-basket gew ritornati lill-sidhom Kayla Borg li kkonfermat dan fl-awla.

# *DECIDE:*

Ghalhekk wara li rat l-Artikoli 49, 261 (c) (f), 267, 270, 279 (a), 280 (1) u 289 tal-Kodici Kriminali, filwaqt li ssib, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu stess, lil Dillon Leonelli, recidiv skont l-Artikoli 49 u 289 tal-Kodici Kriminali, hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghall-piena ta` tnax il-xahar prigunerija; izda wara li rat l-Artikolu 28A (1) tal-Kodici Kriminali tordna li din is-sentenza ta` prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta` prigunerija fi zmien tlett snin millum u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali ordnat li din is-sentenza ghandha tigi fis-sehh.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali tqieghed lill-imputat taht is-sorveljanza ta` Ufficjal ta` Supervizjoni ghal perjodu ta` tlett (3) snin filwaqt li jkompli b'success il-Programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuz tad-droga u li jlestieh b'success.

***Moghtija illum 25 ta` Ottubru, 2017 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***